# Demm Għawdxi f'Tunes

## I

Ġewwa l-belt ta' Tunes kienet tgħammar familja għawdxija ta' ħaddiema twajbin u tal-ġieħ.

Dil-familja kienet magħmula minn missier, omm u żewġt itfal: ġuvni u xebba.

Ġewwa darhom, ta' fqar li kienu, xejn ma kien jonqoshom u l-ikbar hena kien isaltan fost dawn l-erbgħa minn nies li kellhom għal xulxin imħabba kbira.

Iżda fl-aħħar, ix-xitan—li ma jħalli lil ħadd b'sabru—fettillu jdeffes denbu taħt is-sura ta' wieħed żagħżugħ u fittex li jtelјef il-hena ta' dik il-familja.

Mela daż-żagħżugħ, bil-ħila tiegħu kollha, beda jħaddem il-ħażen ta' moħħu u fi ftit żmien wasal fit-tmiem li xtaq hu. Bi kliemu u b'għamilu fl-aħħar ġennen lil dik it-tfajla għal warajh u mita deherlu, taparsi mar biex jitlobha b'għarusa.

Iżda ħuha u missierha, li nzertaw jafu x'kien isarraf dak iż-żagħżugħ u kemm kien ħażin għamilu, dlonk ċaħdu t-talba tiegħu u hedduh bl-aħrax kemm-il-darba jibqa' jħares lejn ix-xebba.

Iż-żagħżugħ b'dat-theddid kollu xejn ma qata' qalbu u iżjed webbes rasu, u fi żmien qasir dawwar lit-tifla sabiex taħrab miegħu, u wara li din ħadet id-deheb kollu li kellha fid-dar, flimkien tbiegħdu mit-Tuniżija.

Ma jeħtieġx ngħidu kemm kien kbir il-hemm li waqa' fuq dik il-familja ta' ħaddiema tal-ġieħ xħin raw ġieħhom imkasbar u isimhom mixħut fit-tajn. Id-demm safi li ssibu jiġġerra fil-vini ta' wlied il-għoljiet tal-gżira għawdxija, ħalef li kellu jitħallas.

Fittex minn hawn u fittex minn hinn, fl-aħħar semgħu li l-maħrubin kienu qegħdin fl-Eġittu, u ġara dak li dejjem jiġri minn dawk ix-xebbiet boloh li ma jagħtux widen tat-twissijiet ta' nieshom: iż-żagħżugħ kien waqqa' t-tifla f'dak it-tajn moqżież li miegħu ikarkar l-egħliem tal-ħtija u tal-mistħija.

Telaq, għalhekk, iż-żagħżugħ għawdxi lejn l-art tal-Farawni bil-ħalfa li bid-demm tal-ħatjin kellu jaħsel it-tebgħa li ħammġet il-ġieħ tal-familja tiegħu. Iżda, mita wasal, xejn ma sewa t-tiftix li għamel il-għaliex qatt ma rnexxielu jisma' bl-aħbar t'oħtu jew b'taż-żagħżugħ li daħak biha, u wara bosta xhur li dam iħuf u jgħarrex 'il hawn u 'il hinn, ħtieġlu jarġa'

jidħol fi ħdan niesu mnikktin biex mill-aħjar li jista' jfarraġ lix-xwejħin ommu u missieru.

Minn Lixandra telaq għal Malta biex minn hinn isalpa għat-Tuniżija.

II

Sebħet waħda minn dawk l-għodwiet sbieħ li, fix-xitwa, issema ta' Malta biss jaf jagħti minnhom. Il-poplu tal-gżejjer tagħna minn bikri beda joħroġ minn daru sabiex ma' dik il-għaxqa tan-natura jibda jgawdi xi ħaġ'oħra li kienet bil-bosta għal qalbu.

Dik in-nhar kien l-ewwel jum tal-Karnival.

Ġemgħat ta' maskarati bdew jiġġerrew mat-triqat ta' l-ibliet, folol kbar dejjem deħlin mill-oqsma tal-kampanja maltija, kunfetti mormijin bħax-xita, agħjat ta' l-infern, daqq, tnabar, żfin fit-triqat, tisfir, karrozzi bil-qtajja' għaddejjin waħda wara l-oħra mill-inħawi ewliena tal-Belt Valletta, u fuq kollox il-ferħ li wieħed jara minqux f'wiċċ kullħadd. Iva, il-Karnival tagħna huwa l-għaxqa u ż-żina ta' Malta; dan ibiegħed minna 'l hemm li nkunu ġarrabna ma' tulek ja sena, għax fih kullħadd ifittex li jtaffi d-dwejjaq bil-ħsejjes ta' dawk il-jiem ta' bluha iva, iżda wkoll ta' mogħdija taż-żmien.

Iż-żagħżugħ tagħna kien wasal f'Malta sew f'Sibt il-Karnival, u billi kien jeħtieġlu jistenna xi jiem qabel ma jkun jista' jissokta trieqtu għal Tunes, ħtieġlu jibqa' f'pajjiżu u b'hekk, wara bosta snin ta' nuqqas minn art twelidu, jarġa' jara dik il-festa li tferraħ bil-bosta l-qlub tal-pajżani tiegħu.

Dik is-sena fit-Tijatru X..... kellu jsir *Veljun* mill-akbar u fih kienu sa jingħataw bosta premjijiet lill-maskarati li jkunu lebsin l-aħjar; għalhekk kotra kbira ta' nies kienu qed jistennew 'l dal-*veljun* li minn bosta ġimgħat qabel kien qiegħed jissemma bħala l-ewwel ħaġa tal-karnival ta' dik is-sena.

Fid-disgħa ta' bil-lejl, it-Tjatru X . . . kien mimli bħal bajda, u fil-palki u fil-platea ma kontx tilmaħ għajr gzuz ta' maskarati jiddieħku ma' kullħadd, jaqbżu u jiġru donnhom ħafna mġienen. Hawn kont tara xi tnejn lebsin libsa l-iżjed għanja mixjin labranzetta jistħajluhom is-slaten tal-festa; hemm kont tilmaħ xi wieħed waħdu, waħdu, b'imnieħer daqsiex, b'xi ħodba u b'rasu mimlija fwawar tax-xorb li kien ilu jlegleg mit-tlieta ta' fuq nofs in-nhar, jaħseb li kulħadd għajuejh mormijin fuqu u xejn ma jintebaħ li klikka żgħażagħ minn palk tal-*prim'ordni* waħħlu f'rashom li minn rasu jagħmlu *target* għall-perlini

tagħhom! F'dak il-ħin mill-bieb il-kbir kienet dieħla ġemgħa rġiel u nisa lebsin ta' xmux u qmura.

Id-daqq beda jsamma' l-ewwel biċċa ta' *fox-trot* mill-aħħar li ħarġu u dlonk il-maskarati bdew iduru mas-sala kollha.

F'rokna minn tal-platea, kollu ssummat iħares lejn dik id-dehra, kien hemm żagħżugħ li ma kienx liebes ta' maskàrat. Il-qagħda tiegħu kienet imqita u xejn ma tixbah lil ta' dawk li nġabru f'dik il-lejla fit-tijatru... il-ħarsa ta' għajnejh kienet miksura u ftit taqbel mal-ħarsa kollha ħeġġa u ferħ tal-maskarati li kellu ma' dwaru.

Daż-żagħżugħ ma kienx ħaddieħor għajr l-għawdxi li kien mar jiġġiera wara oħtu ġewwa l-Eġittu; bħallikieku xi ħaġa f' dik il-lejla kienet ġagħlitu jidħol f'dak il-ballu u joqgħod hinn, bħal xi ruħ mitlufa, iħares mingħajr ma jagħti widen ta' dak l-infern kollu li kellu ma' dwaru.

Il-qiegħa kienet saħnet sewwa u għal ħabta ta' nofs il-lejl, il-kummissjoni li kienet maħtura għat-tqassim tal-premjijiet, ġagħlet li jitwaqqaf id-daqq u jinġabru l-maskarati.

Ma' l-ewwel tokk ta' nofs il-lejl, immexxijin minn marċ imħeġġeġ, dawn bdew id-*defilè* tagħhom u mal-għajta ta' wieħed minn tal-kommisjoni biex titneħħa l-maskra dlonk il-maskarati kollha kixfu wiċċhom.

F'daqqa waħda nstemgħu żewġ sparaturi u tnejn mill-maskarati tad-*defilè* dlonk instabtu ma' l-art.

Qam għagħa kbir mat-tijatru kollu u l-midrubin ġew malajr imdawrin minn qtajja ta' maskarati. Kulħadd beda jsaqsi min kienu dawk it-tnejn li kellhom itemmu ħajjithom fost dak il-ferħ kollu, iżda l-kotra tal-miġbura ma kenitx tafhom.

Minn qalb il-folla deher raġel li kollu ħiemed resaq għannaħa taż-żewġ midruba u mita wasal ma' ġenbhom, u għaraf li t-tnejn kienu mejtin, rema r-*rivoltella*, dar fuq il-folla li fuqha kienet waqgħet ħemda kbira u b'leħen miksur qalilhom:

"Dik li hawn qegħdin taraw mejta hija oħti u dak li hemm mixħut ma' ġenbha kien dak li ġagħalha tagħmel ħtija li biha tebbgħet ġieħ il-familja tiegħi; dit-tebgħa issa ġiet maħsula bid-demm tagħhom."

Dlonk kien arrestat u maħruġ il-barra mit-tijatru xħin il-mejtin kienu mwarrba u l-*veljun* issokta bħalikieku ma kien qatt ġara xejn.

Hekk sejra d-dinja!

Iżda l-vendetta għawdxija kienet mitmuma.

Il-Kajr, 1938.

FREDU NICHOLAS.